# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 4/14/1 GM**

**Fair Trading Limited (C44369)**

**v.**

**Green MT Limited (C42136)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ta' Fair Trading Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Jannar, 2020, li permezz tagħha: (i) ikkundannat lil Green MT Limited Limited sabiex tħallas lil Fair Trading Limited is-somma ta' €12,882.32 għax-xogħol imwettaq minnha, flimkien mal-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv; (ii) ċaħdet dawk it-talbiet li bihom Fair

Trading Limited fittxet lil Green MT Limited Limited għad-danni minħabba ksur ta' ftehim li l-partijiet iffirmaw bejniethom fil-15 ta' Ottubru, 2013; u (iii) ikkundannat lil Fair Trading Limited sabiex tħallas tliet kwarti tal-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Diċembru, 2013, tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1785/13SM u tal-mandat ta' sekwestru 1914/13.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-6 ta' Jannar, 2014, Fair Trading Limited fissret li hija taħdem fis-settur tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Qalet li oriġinarjament hija kienet tipprovdi dan is-servizz billi kienet tiġi direttament imqabbda mill-Gvern Ċentrali ta' Malta jew minn xi Dipartiment tiegħu, u wara kompliet tagħti tali servizzi bi ftehim mal-kumpanija Green MT Limited Limited, li kienet responsabbli biex tħallasha għal dawk is-servizzi.

3. Stqarret li fis-sena 2012, inqala' diżgwid ma' Green MT Limited Limited, kemm għaliex din tal-aħħar waqgħet lura fil-ħlasijiet, kif ukoll dwar l-operat innifsu tas-servizzi, tant li l-partijiet spiċċaw biex dehru quddiem Bord rikonċiljatorju fi ħdan il-General Retailers and Traders Union (GRTU). Dawn il-proċeduri wasslu lill-partijiet għall-iffirmar ta' ftehim fil-15 ta' Ottubru, 2013, li skont Fair Trading Limited stess, sar bil-

għan li jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom.

4. F'dan il-kuntest, Fair Trading Limited ilmentat li minkejja fil-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, Green MT Limited Limited kienet intrabtet magħha li tħallasha f'dati speċifiċi, ċertu pagamenti li kien ilhom dovuti lilha bħala ħlas tas-servizzi mogħtija minnha, b'danakollu Green MT Limited Limited naqset milli twettaq tali pagamenti, u dan anke wara li hija talbitha kemm-il darba biex tagħmel hekk.

5. Issoktat tfisser li bl-istess ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, Green MT Limited Limited kienet intrabtet ukoll magħha li x-xogħol tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli kellu jsir minnha, mingħajr eċċezzjoni, kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u Erbgħa u bis-Sibtijiet alternattivi. Qalet ukoll li b'żieda ma' dan, Green MT Limited Limited obbligat ruħha magħha li jekk kienet sejra tagħti xi ġranet oħrajn ta' xogħol lil xi kuntrattur ieħor li kien jaħdem magħha, hija kellha tingħata wkoll ix-xogħol f'dawk il-ġranet.

6. Fair Trading Limited ilmentat li Green MT Limited Limited mhux talli ma mxietx mal-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, iżda wkoll, b'mod abbużiv u illegali, b'*email* tat-12 ta' Diċembru, 2013, infurmatha li hija kellha tieqaf milli tkompli tagħtiha aktar is-servizzi, b'effett mis-17 ta' Diċembru, 2013, għaliex ix-xogħol tagħha kien ġie assenjat lil terzi persuni.

7. Saħqet li din l-imġiba skorretta u illegali min-naħa ta' Green MT Limited Limited wasslet biex għamlitilha d-danni li fost affarijiet oħra jikkonsistu f'telf ta' qligħ.

8. Għalqet billi stqarret li kien kollu ta' xejn li hija interpellat lil Green MT Limited Limited sabiex tirtira l-ordni tat-12 ta' Diċembru 2013. Minħabba f'hekk Fair Trading Limited fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata, bl-aġir tagħha, kissret l-obbligi minnha assunti ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet datat 15 ta' Ottubru, 2013;*
>
> *2. Tillikwida s-somma kollha dovuta sad-data tad-deċiżjoni finali fuq dan ir-rikors ġuramentat mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti ai termini tal-klawsoli (1) (2) u (3) tal-ftehim datat 15 ta' Ottubru, 2013, rappreżentanti ħlas għal servizzi reżi mis-soċjetà rikorrenti u li baqgħet ma tħallsitx mis-soċjetà intimata nonostante l-iskadenza tad-data indikata fl-istess ftehim, okkorrendo n-nomina ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tordna l-ħlas mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti tas-somma kif hekk likwidata ai termini tat-talba numru 2 suesposta, bl-imgħaxijiet ta' 8% skont il-liġi mid-data li diversi pagamenti jkunu saru hekk dovuti;*
>
> *4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti b'konsegwenza tal-ksur tal-obbligi tagħha ai termini tal-klawsoli numri (4) u (5) tal-ftehim datat 15 ta' Ottubru, 2013;*
>
> *5. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti b'konsegwenza tal-aġir tal-intimata, okkorrendo n-nomina ta' periti nominandi;*
>
> *6. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni kif mitlub.*
>
> *Bl-imgħaxijiet kif mitluba, bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali notifikata lis-soċjetà intimata u tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1785/13SM, tal-mandat ta' sekwestru 1914/13, u bir-riżerva ta' kull dritt u azzjoni fil-liġi, bl-inġunzjoni tas-soċjetà intimata in subizzjoni.»*

9. Bi tweġiba maħlufa mressqa fis-17 ta' Frar, 2014, Green MT Limited Limited laqgħet għal din il-kawża billi qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi s-soċjetà esponenti fil-mertu tirrespinġi l-pretensjonijiet kollha dedotti mir-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħha, stante illi ma kisret l-ebda obbligu fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti naxxenti mill-memorandum iffirmat bejn il-partijiet fil-15 ta' Ottubru 2013, li jirregola biss: (a) l-ammonti paċifikament dovuti mill-esponenti lir-rikorrenti u l-mod li bih għandhom jitħallsu dawn l-ammonti; u (b) il-ġranet riveduti li fih kellha tagħmel il-ġbir mill-bring in sites ir-rikorrenti, b'obbligazzjoni li jekk ikun hemm il-ħtieġa li l-kuntratturi bħas-soċjetà rikorrenti jiżdidulhom ġurnata jew aktar fil-ġimgħa servizz ta' ġbir mill-bring in sites, din tiżdied lir-rikorrenti ukoll;*

*2. Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, kull pagament dovut skont dan il-memorandum jiskadi indipendentement mill-pagamenti l-oħra imsemmija fl-istess memorandum, b'mod li jekk pagament wieħed ikun tardiv, l-esponenti ma titlifx il-benefiċċju tat-terminu tal-pagamenti l-oħra, u għalhekk it-talbiet rikorrenti għall-kundanna tal-ħlas ta' dawk il-pagamenti dovuti wara is-6 ta' Jannar 2014 huma intempestivi;*

*3. Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, is-soċjetà esponenti ġiet imġiegħla tittardja fil-pagamenti dovuti wara t-30 ta' Novembru 2013 mir-rikorrenti stess u dovut biss (1) għall-mandat ta' inibizzjoni numru 1785/13SM imressaq mir-rikorrenti fid-19 ta' Novembru 2013, milqugħ proviżorjament minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta iżda li ġie miċħud definittivament wara li l-Qorti semgħet lill-partijiet, liema deċiżjoni ġiet ippubblikata fis-16 ta' Diċembru, 2013 «Dok G1» u (2) għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1914/13 intavolat fl-20 ta' Diċembru 2013, li permezz tiegħu l-kontijiet tal-esponenti ġew sekwestrati għas-somma eżorbitanti ta' tliet mitt elf ewro (€300,000), liema mandat, fuq talba tal-esponenti, ġie revokat in toto minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fis-6 ta' Frar 2014, kopja tas-sentenza mehmuża «Dok G2»;*

*4. Ili mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba rikorrenti għall-imgħaxijiet fuq dawk il-pagamenti dovuti wara t-30 ta' Novembru 2013 għandha tiġi miċħuda stante illi dawn il-pagamenti ma sarux fiż-żmien pattwit unikament dovut għall-azzjonijiet ġudizzjarji deskritti hawn fuq imressqa mir-rikorrenti kontra l-esponenti;*

*5. Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost, ir-relazzjoni li kellha s-soċjetà esponenti mas-soċjetà rikorrenti kienet waħda marbuta mat-tbattil ta' bring in sites (dome shaped) u ġbir ta' skart riċiklabbli (li r-rikorrenti wettqet fuq inkarigu tal-esponenti li hija Skema Nazzjonali Awtorizzata mill-MEPA filwaqt li s-soċjetà rikorrenti hija kuntrattur li*

*twettaq dan ix-xogħol ta' tbattil ta' skips). Il-partijiet qatt ma kellhom l-ebda locatio operis għal żmien determinat, u bħalma tqabbad lir-rikorrenti, l-esponenti tqabbad kuntratturi oħra fid-diskrezzjoni assoluta tagħha skont il-bżonnijiet kummerċjali tagħha. Għalhekk l-esponenti ma kisret l-ebda obbligu kif allegat ir-rikorrenti u r-raba', l-ħames u s-sitt talbiet għal-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.»*

10. B'sentenza mogħtija fl-21 ta' Jannar, 2020, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi: (i) laqgħet l-ewwel tliet talbiet ta' Fair Trading Limited b'tali mod li kkundannat lil Green MT Limited Limited sabiex tħallas lill-istess Fair Trading Limited is-somma ta' €12,882.32 għax-xogħol imwettaq minnha, flimkien mal-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv; (ii) ċaħdet ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet, li bihom Fair Trading Limited fittxet lil Green MT Limited Limited għad-danni minħabba ksur ta' ftehim li l-partijiet iffirmaw bejniethom fil-15 ta' Ottubru, 2013; u (iii) ordnat li Fair Trading Limited għandha tagħmel tajjeb għas-sehem ta' tliet kwarti tal-ispejjeż tal-kawża, magħdud magħhom dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Diċembru, 2013, tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1785/13SM u tal-mandat ta' sekwestru 1914/13, filwaqt li s-sehem ta' kwart li kien fadal kellu jitħallas mill-kumpanija Green MT Limited Limited.

11. Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni huma dawn:

*«**Ikkunsidrat.***

*Illi l-kumpannija attriċi kienet għal diversi snin tipprovdi servizz ta' kollezzjoni ta' skart separat u riċiklabbli f'diversi lokalitajiet madwar Malta u għal dan is-servizz kienet tħallasha l-kumpanija konvenuta Green MT Limited Limited. L-attriċi bdiet tagħti servizz lill-konvenuta*

*f'Diċembru 2009 sakemm twaqqfet fis-16 ta' Diċembru 2013. Dan is-servizz ma kienx abbażi ta' kuntratt għal żmien fiss;*

*Illi fil-bidu tas-sena 2013 inqala' xi diżgwid bejn il-partijiet, prinċipalment għaliex l-attriċi riedet titħallas għal dawk il-ġranet li fihom ma kinitx tiġbor skart jiġifieri l-Ħamis u l-Ġimgħa, bl-argument illi l-materjal li ma jinġabarx f'dawk il-ġranet, xorta jrid jinġabar it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa. Kien hemm kwistjoni oħra fejn il-konvenuta ssostni li l-attriċi ppreżentatilha xi fatturi għal xogħol illi ma kienx verament sar. Dan seta' faċilment jiġi kkonfermat mill-konvenuta għaliex ġiet użata s-sistema tad-data tracking fuq it-trakkijiet użati għall-ġbir tal-iskart u għalhekk ma kinux saru l-pagamenti kollha abbażi ta' fatturi maħruġa mill-attriċi;*

*Illi f'Mejju u Ġunju tal-istess sena saru laqgħat bejn il-partijiet biex jaslu għal ftehim. Il-kwistjoni ġiet riferuta lill-Bord rikonċiljatorju fi ħdan il-Malta Chamber of SMEs (GRTU) u fil-15 ta' Ottubru tas-sena 2013 ġie ffirmat Memorandum of Understanding (Dok FT1 a fol 7) bejn John Said in rappreżentanza tal-kumpanija attriċi u Joe Attard in rappreżentanza tal-kumpanija konvenuta li permezz tiegħu:*

*i. l-attriċi aċċettat ħlas ta' €8,500 minflok €34,140 (kif kienet qed titlob skont fatturi tagħha) għall-perjodu bejn Ottubru 2012 u April 2013 pagabbli sal-aħħar t'Ottubru 2013;*

*ii. għall-perjodu ta' Jannar, Frar u Marzu 2013 kien hemm bilanċ ieħor dovut ta' €12,003.99 li kellu jitħallas fis-16 ta' Ottubru 2013;*

*iii. l-arretrati fil-pagamenti li kienu dovuti għal-perjodu ta' April 2013 sa Settembru 2013 kellhom jibdew jitħallsu f'pagamenti mensili f'Novembru 2013 s'April 2014 b'tali mod illi –*
*il-kont ta' April 2013 kellu jitħallas fl-aħħar ta' Novembru 2013;*
*il-kont ta' Mejju 2013 kellu jitħallas fl-aħħar ta' Diċembru 2013;*
*il-kont ta' Ġunju 2013 kellu jitħallas fl-aħħar ta' Jannar 2014;*
*il-kont ta' Lulju 2013 kellu jitħallas fl-aħħar ta' Frar 2014;*
*il-kont ta' Awwissu 2013 kellu jitħallas fl-aħħar ta' Marzu 2014;*
*il-kont ta' Settembru 2013 kellu jitħallas fl-aħħar ta' April 2014;*

*iv. ġew miftehma wikoll l-ġranet meta l-attriċi kellha tagħmel il-ġbir mill-bring in sites u fil-każ li kuntratturi oħra jingħataw aktar xogħol f'ċertu ġranet, l-istess ammont ta' xogħol kellu jingħata lill-attriċi wkoll u hekk ma jkun hemm l-ebda preferenzi;*

*v. il-pagamenti dovuti mill-1 ta' Ottubru 2013 kellhom jitħallsu sa massimu ta' disgħin ġurnata mid-data tal-fattura;*

*Illi ftit ġimgħat wara dan il-ftehim, u ċjoè fit-12 ta' Novembru 2013, il-konvenuta infurmat lill-attriċi li kienet qed titterminalha l-operat tagħha b'effett mis-17 ta' Diċembru 2013 wara illi nħarġet sejħa (tender) għall-ġbir tal-iskart u dan intrebaħ minn kuntrattur ieħor u mhux Fair Trading Limited;*

*Illi l-pagamenti mill-konvenuta kienu qed jgħaddu b'mod regolari sakemm imbagħad l-attriċi fid-19 ta' Diċembru 2013 intavolat mandat ta' sekwestru ta' €300,000 kontra l-kumpanija konvenuta u hekk twaqqfu l-pagamenti kollha. Dan il-mandat dam in vigore sa nofs Frar 2014 u wara li ġie revokat dan il-mandat ta' sekwestru, il-konvenuta kompliet tgħaddi pagamenti regolari;*

*Illi l-attriċi ppreżentat elenku (Dok S4 a fol 235) tal-fatturi maħruġin minnha għas-servizz mogħti lill-kumpanija konvenuta:*

- *Fattura ta' April 2013 - €7,788.19 kellu jitħallas fl-aħħar ta' Novembru tal-2013 (Dok I a fol 163);*

- *Fattura ta' Mejju 2013 - €12,439.65 li kellu jitħallas fl-aħħar ta' Diċembru 2013(Dok H a fol 161);*

- *Fattura ta' Ġunju 2013 - €11,380.67 li kellu jitħallas fl-aħħar ta' Jannar 2014 (Dok G a fol 159);*

- *Fattura ta' Lulju 2013 - €12,439.65 li kellu jitħallas fl-aħħar fi Frar 2014 (Dok F a fol 157);*

- *Fattura ta' Awwissu 2013 - €11,193 li kellu jitħallas fl-aħħar ta' Marzu 2014 (Dok E a fol 153);*

- *Fattura ta' Settembru 2013 - €11,065.66 li kellu jitħallas fl-aħħar ta' April 2014 (Dok D a fol 150);*

- *Fattura ta' Ottubru 2013 - €7,164.87 li kellu jitħallas fl-aħħar ta' Jannar 2014 (Dok C a fol 147);*

- *Fattura ta' Novembru 2013 - €5,991.95 li kellu jitħallas fl-aħħar ta' Frar 2014 (Dok B a fol 144);*

- *Fattura ta' Diċembru 2013 - €3,243.96 li kellu jitħallas fl-aħħar ta' Marzu 2014 (Dok A a fol 141);*

*Illi waqt il-prosegwiment tal-kawża, baqgħu jsiru pagamenti għalkemm mhux fl-ammonti indikati hawn fuq. Fit-12 ta' Marzu 2019 Joseph Attard xehed illi kien għadu pendenti pagament wieħed biss (ara xhieda ta' Joseph Attard a fol 1577 – 1586, f'paġna 1585). Fuq talba ta' din il-Qorti, huwa ppreżenta statement (Fol 1641) li kkonferma bil-ġurament, li juri li fadal x'jitħallas bilanċ ta' €12,882.32. Xehed ukoll li dan il-bilanċ ma tħallasx għaliex is-soċjetà attriċi ma riditx li jsir bħala ħlas għas-saldu. Ma ġiex kontradett f'dan ir-rigward għalkemm sarlu kontroeżami (fol 1640 et seq).*

***Ikkunsidrat:-***

*Illi għalkemm din hija kawża li ilha tkarkar sitt snin, u li fiha tressqu xhieda u dokumenti voluminużi, hija fl-essenza tagħha waħda sempliċi.*

*Illi jirriżulta li fadal x'jitħallas bilanċ ta' €12,882.32 għas-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi. Billi s-somma qiegħda tiġi likwidata issa, u billi wkoll ġie rifjutat dan il-pagament għas-saldu, l-imgħax għandu jibda jimxi biss mid-data tas-sentenza anke jekk huwa ta' natura kummerċjali;*

*Illi permezz tas-sitt u s-seba' premessi tar-rikors ġuramentat tagħha, is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi li kellha xi jedd li s-soċjetà konvenuta tingaġġa s-servizzi tagħha. L-ebda ingaġġ bħal dan iżda ma jirriżulta mill-iskrittura tal-15 ta' Ottubru 2013. Lanqas jista' jiġi inferit b'mod impliċitu minn klawsoli numri (4) u (5) fl-istess skrittura, li sempliċement jirreferu għall-modalità ta' kif kellu jingħata s-servizz li kien qiegħed jingħata dak iż-żmien tal-iskrittura. Jirriżulta minn għadd ta' xhieda li ma kien hemm l-ebda ftehim bħal dan. Fosthom, Joseph Attard, Kap Eżekuttiv tas-soċjetà konvenuta, iddeskriva kif l-ingaġġ ta' kuntratturi kien dejjem isir b'riżerva li jitwaqqfu fi kwalunkwe żmien minħabba n-nuqqas ta' affidabbiltà tagħhom u dan kien jinkludi lis-soċjetà attriċi. Fl-istess sens xehdu l-avukat Jean Karl Farrugia li kien preżenti meta ġiet redatta l-iskrittura, u Joan Haber, Viċi-President tal-GRTU, hi u tixhed prodotta mis-soċjetà attriċi.»*

12. Fair Trading Limited appellat b'rikors tas-6 ta' Frar, 2020, u hemmhekk minflok talbet għat-tħassir jew għar-riforma tas-sentenza appellata hija rriproduċiet kelma b'kelma l-istess talbiet li tressqu fir-rikors maħluf li bih hija bdiet din il-kawża.

13. Min-naħa tagħha, minkejja li ġiet notifikata bl-appell fit-13 ta' Frar, 2020, Green MT Limited Limited ma ressqet l-ebda tweġiba.

14. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 2024, u f'dik is-seduta, il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-kumpanija appellanti għall-fatt, li t-talbiet finali fir-rikors tal-appell huma biss riproduzzjoni tat-talbiet tagħha kif miġjuba fir-rikors maħluf, u li skont l-**Artikolu 143(2) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-appellant għandu jindika fl-għeluq tal-appell tiegħu, dak li b'mod speċifiku qiegħed jitlob li għandu jiġi mibdul dwar kull kap tas-sentenza appellata.

15. B'digriet mogħti waqt l-istess seduta tal-1 ta' Frar, 2024 (f'paġna 1745 tal-atti tal-kawża), din il-Qorti, b'riħet l-**Artikolu 143(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ordnat lil Fair Trading Limited sabiex fi żmien jumejn minn dakinhar tressaq nota li biha tindika b'mod speċifiku xi trid li jinbidel mill-kapi tas-sentenza appellata.

16. B'nota mressqa fl-istess jum tal-1 ta' Frar, 2024 (f'paġna 1751 tal-atti tal-kawża), Fair Trading Limited fissret li hija kienet qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

> *«prevja kull dikjarazzjoni, provvediment u ordni meħtieġa u neċessarja, jogħġobha:*
>
> *(a) Tordna li tirriforma l-istess sentenza tal-istess Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza IN TOTO wara li tinstema' x-xhieda fundamentali hekk rikjesta mill-istess soċjetà appellanti Fair Trading Limited u li kienet hekk aċċettata permezz tad-digriet tal-istess Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza hekk datat il-21 ta' April 2017, fejn dik l-istess Onorabbli Qorti kienet laqgħet IN TOTO t-Tieni Talba (Ara Dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok B); u*
>
> *(b) Tordna li l-istess appell tal-istess soċjetà appellanti Fair Trading Limited jiġi aċċettat IN TOTO.»*

17. B'digriet mogħti fil-magħluq fl-10 ta' April, 2024 (f'paġni 1754 sa 1756 tal-atti tal-kawża) din il-Qorti, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbet lil Fair Trading Limited sabiex fit-trattazzjoni tal-appell, hija

tindirizza wkoll dawn il-punti:

> *«i. jekk bil-kliem «riforma IN TOTO tas-sentenza appellata», hemmx kontradizzjoni dwar jekk il-kumpanija appellanti tridx li din il-Qorti tal-Appell tħassar is-sentenza kollha appellata skont l-**Artiklu 143(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jew inkella jekk tridx li din il-Qorti tal-Appell tibdel parti biss mis-sentenza appellata skont l-**Artiklu 143(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.*
>
> *ii. jekk il-kumpanija appellanti tistax titlob it-tħassir kollha tas-sentenza appellata skont l-**Artiklu 143(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** meta jirriżulta li l-Ewwel Qorti laqgħet tlieta mill-erba' talbiet imressqa fir-rikors maħluf tagħha; u*
>
> *iii. jekk il-kumpanija appellanti tistax titlob it-tibdil tas-sentenza appellata skont **l-Artiklu 143(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ladarba hija naqset milli tispeċifika b'mod speċifiku xi trid li jinbidel mill-kapi tas-sentenza appellata u dan minkejja li hija ngħatat il-fakultà taħt l-**Artiklu 143(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex tippreżenta nota biex tippreċiża l-pożizzjoni tagħha.»*

18. Fis-seduta tal-11 ta' April, 2024, l-Avukat Carmel Gatt ta' Fair Trading Limited, fil-preżenza tar-rappreżentant tal-istess kumpanija, għamel referenza għad-digriet tal-10 ta' April, 2024, u vverbalizza li huwa: *«qiegħed jiċċara u jikkoreġi t-talba fl-appell fis-sens illi din il-Qorti tikkonfermaha fil-partijiet fejn laqgħet it-talbiet attriċi u tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u konsegwentement tilqa' dan l-appell»* (ara l-verbal f'paġna 1757 tal-atti tal-kawża).

19. Fid-dawl ta' tali stqarrija, il-Qorti ordnat li t-talba finali fir-rikors tal-appell ta' Fair Trading Limited tiġi mibdula bil-mod ta' kif ġie mistqarr mill-Avukat ta' Fair Trading Limited stess. It-talba finali tal-appell ġiet għalhekk taqra bil-mod kif ġej: *«Illi din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata fejn laqgħet it-talbiet tal-attriċi u tħassarha fejn ċaħdet*

*it-talbiet attriċi u minflok tilqa' dawk it-talbiet».*

20. Inżamm smigħ ieħor quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Ġunju, 2024 u minn hemm hekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

21. Fl-ewwel parti tar-rikors tal-appell, Fair Trading Limited tibda billi tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis sewwa u biżżejjed, dak li fi kliemha tassew seħħ.

22. F'dan ir-rigward, il-kumpanija appellanti tagħti sfond dwar kif sa mis-sena 1999, il-fundatur tagħha John Said, illum mejjet, kien beda s-sistema ta' separazzjoni tal-iskart ġewwa l-*bring in sites* f'Malta. Fost affarijiet oħra, issemmi li għal numru ta' snin, hija kellha prattikament f'idejha *«monopolju assolut»* fil-ġbir tal-iskart riċiklabbli f'Malta, u tistqarr li f'xi żmien, il-Gvern ta' Malta kien saħansitra talab lill-fundatur tagħha, li jiġi missier ir-rappreżentant attwali tagħha, sabiex jgħinu fl-organizzazzjoni mill-ġdid tas-settur tal-ġbir tal-iskart f'Malta, u dan b'tali mod li huwa ma kien sejjer jitlef xejn mix-xogħol li kien diġà beda.

23. B'mod partikolari, Fair Trading Limited tenfasizza li f'dawk l-istess żminijiet, il-Gvern ta' Malta kien aċċetta s-suġġeriment tal-fundatur

tagħha, sabiex il-ġbir tal-iskart riċiklabbli jgħaddi f'idejn il-GRTU, b'dana li l-Gvern ta' dak iż-żmien, kien rabat lill-GRTU sabiex *«jagħtu dejjem ix-xogħol»* lilha. Tistqarr li min-naħa tagħha, il-GRTU kienet qagħdet għal dik l-ordni tal-Gvern tal-ġurnata, u li b'hekk il-GRTU ntrabtet li tagħtiha dejjem ix-xogħol.

24. Tissokta billi tfisser li l-GRTU u Green MT Limited Limited huma prattikament ħaġa waħda, għaliex il-GRTU hija s-sid ewlieni ta' Green MT Limited. Tirrakkonta li għal xi żmien, din tal-aħħar, jiġifieri Green MT Limited Limited, waqgħet lura fil-ħlasijiet li kellha tagħtiha, u tgħid li hija riedet li Fair Trading Limited taċċetta tnaqqis fl-ammonti dovuti lilha, bl-iskuża li ma kien hemm xejn bil-miktub bejniethom, u bil-kundizzjoni li: *«għall-ewwel darba jkun hemm bil-miktub iswed fuq l-abjad li l-GRTU u s-soċjetà appellata Green MT Limited Limited jagħtu dejjem ix-xogħol lis-soċjetà appellanti Fair Trading Limited.»*

25. Tistqarr li fid-dawl ta' dan, hija aċċettat li tiġi mħallsa biss €8,500 minflok €34,140 għall-perjodu ta' bejn Ottubru 2012 u April 2013, u dan bil-mod ta' kif tniżżel fl-ewwel klawsola tal-ftehim intitolat *«Memorandum of Understanding»,* li ġie ffirmat bejn il-partijiet, fil-15 ta' Ottubru, 2013.

26. Tinsisti li bil-kuntrarju ta' dak li qiegħda tgħid Green MT Limited Limited, il-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, mhuwiex limitat biss għall-

ewwel klawsola, u ttenni li hija aċċettat tnaqqis fl-ammonti dovuti lilha skont l-ewwel klawsola, minħabba dak li ġie miftiehem mill-GRTU kif ukoll minn Green MT Limited Limited fil-klawsoli 4, 5 u 6, tal-istess *memorandum of understanding* (Dok FT1, f'paġna 7 tal-atti tal-kawża), li jaqraw kif ġej:

> *«Article 4: The parties refer to services provided by Fair Trading Limited to Green MT Limited Limited and hereby agree that as from 1st October 2013, Fair Trading Limited will only effect collections from Bring-In-Sites on Monday, Tuesday, Wednesday and every alternate Saturday. There shall be no collection on Thursday and Friday;*
>
> *Article 5: In the event that other contractors are given extra duties on additional days, then such additional duties will also be applied to Fair Trading Limited;*
>
> *Article 6: The parties hereby agree that payments due to Fair Trading Limited by Green MT Limited Limited as from 1st October 2013 shall be made within a maximum of 90 days from date of Invoice»*

27. F'dan l-isfond, Fair Trading Limited tilmenta li ftit tal-ġimgħat wara li Green MT Limited Limited u l-GRTU ħadu li riedu mingħandha għaliex hija aċċettat tnaqqis fl-ammonti li kienu dovuti lilha minħabba l-garanzija li hija tibqa' dejjem tingħata xogħol, dawn b'rieda ħażina waqqfuha milli tagħtihom aktar is-servizzi tagħha u qaċċtuha darba għal dejjem 'il barra, bi ksur ċar ta' dak garantit minnhom fil-klawsoli bin-numri 4,5 u 6 tal-istess *memorandum of understading.*

28. L-appellanti tgħid li bħala stat ta' fatt, hija taf ukoll bi «*xniegħat*» li l-Kap Eżekuttiv ta' Green MT Limited ried ipattiha bil-kbir lill-fundatur tagħha John Said, għaliex huwa kien għadda informazzjoni sensittiva lill-

membri tal-GRTU, dwar kif tali Kap Eżekuttiv, kien ħallas madwar €50,000 lill-qarib tiegħu, minflok ma' qassam dawk il-flejjes lill-kuntratturi.

29. F'dan il-qafas, Fair Trading Limited tixħet ħarsitha lejn ix-xhieda ta' Joseph Attard, li huwa l-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija appellata, u speċifikatament lejn dik il-parti li huwa ddeskriva l-ftehim verbali li kien hemm bejn il-partijiet, bħala wieħed ta' *«rabta ċoff»*, u minn hawn 'il quddiem hija tibda billi tirreferi għal sensiela ta' prinċipji legali, bil-għan li tmeri dak li ngħad minn Attard.

30. L-ewwel prinċipju li tirreferi għalih l-appellanti huwa dak ta' ***«magna negligentia culpa est; magna culpa dolus est»,*** li maqlub għall-Malti jfisser: li negliġenza kbira hija ekwivalenti għall-ħtija, filwaqt li ħtija kbira hija ekwivalenti għall-frodi. F'dan ir-rigward, tirreferi għal sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 1995, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Edward Enriquez et v. Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et nomine***, u sempliċement tgħid li minn hemm jidher l-aġir skorrett u r-rieda ħażina tal-GRTU u ta' Green MT Limited.

31. It-tieni prinċipju li tirreferi għalih Fair Trading Limited huwa mbagħad dak ta' ***«ex turpi causa non oritur actio»***, li maqlub għall-Malti jfisser li ħadd ma jista' jitħalla jieħu vantaġġ min-nuqqasijiet li jirriżultaw b'għemilu stess. Dwar dan, Fair Trading Limited, tisħaq li kull proċedura

ġudizzjarja hija msejsa fuq tali prinċipju, u fost affarijiet oħra, tikkummenta li dan l-istess prinċipju jitlob li kull min jagħmel xi allegazzjoni, jrid ikun kapaċi li jipprova li qabel xejn għandu jdejh indaf.

32. F'dan ir-rigward, il-kumpanija appellanti targumenta li l-GRTU u Green MT Limited ma jistgħux ifittxu xi rimedju mill-Qorti meta jdejhom mhumiex indaf, u f'dan ir-rigward tixli lil GRTU u lil Green MT Limited b'«*messa in scena*», speċjalment għaliex ir-rappreżentant tagħha aċċetta li hija titħallas €8,500 minflok €34,140 għall-perjodu bejn Ottubru 2012 u April 2013, u dan biss sakemm il-GRTU u Green MT Limited kienu qegħdin jaċċettaw dak li hemm imniżżel fir-raba', il-ħames u s-sitt klawsoli tal-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013. Fid-dawl ta' dan, l-appellanti tistieden lil din il-Qorti biex «*tikkunsidra bis-serjetà*» dak li ssejħilha bħala l-evidenza ċirkostanzjali ta' dan il-każ, però mbagħad hija tieqaf milli tispeċifika aktar x'inhi dik l-evidenza.

33. Argument ieħor ta' Fair Trading Limited huwa li **l-kuntratti jistgħu jkunu implikati kemm fil-fatt jew inkella fil-liġi**, u f'dan ir-rigward, saħqet li f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kellha tqis l-ispirtu ta' wara l-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013. Għal dan il-għan tinsisti li hija kellha titħalla tressaq lil Imħallef Dr. Joanne Vella Cuscheri biex tixhed dwar l-ispirtu tal-ftehim inkwistjoni, billi hija kienet waħda minn dawk li kienet involuta fin-negozjati tal-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, u anke għaliex skontha, l-

Imħallef Vella Cuschieri hija saħanistra firmatarja ta' dak il-ftehim u *«daħlet personalment responsabbli għal dak li hija stess iffirmat.»*

34. Prinċipju legali ieħor li tirreferi għalih l-appellanti huwa mbagħad dak tal-**kundizzjoni riżoluttiva taċità**. Dwar dan, Fair Trading Limited targumenta li bħal kull ftehim bilaterali ieħor, il-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, huwa wkoll soġġett għall-kundizzjoni riżoluttiva taċita, u minħabba f'hekk tisħaq li jekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-GRTU u Green MT Limited Limited ma ħarsux l-obbligazzjonijiet li daħlu għalihom fil-kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 2013, din il-Qorti għandha mhux biss tagħtiha d-dritt li tattakka l-effetti ta' dak il-ftehim, iżda wkoll għandha tingħata l-jedd biex, fi kliemha, tagħżel x'tista' tagħmel biex tirrimedja l-pożizzjoni «*żvantaġġatissima*» tagħha u dan ukoll skont kif tippermetti l-liġi kummerċjali, u fin-nuqqas t'hekk l-użanzi kummerċjali, jew il-liġi ċivili.

35. Fid-dawl ta' dan, l-appellanti tispeċifika li l-għażla li għandha tingħata hija: (i) jew li ġġiegħel lil Green MT Limited u l-GRTU jwettqu l-obbligazzjonijiet li daħlu għalihom għalkollox; (ii) jew inkella li titlob għall-ħall tal-ftehim li sar fil-15 ta' Ottubru, 2013, flimkien mal-ħlas tad-danni minħabba n-nuqqas tat-twettiq ta' dak il-ftehim. Tgħid ukoll li hija għandha d-dritt li titqiegħed fil-pożizzjoni legali ġusta, u dan anke billi wara dan iż-żmien kollu, tingħata, dak li ssejjaħlu bħala «*l-pound of flesh ekwu tiegħu*», u dan fid-dawl ta' dak li ngħad fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta'

***Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Barbara v. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1987.

36. L-appellanti tirreferi mbagħad għall-prinċipji ta' ***«pacta sunt servanda»***, kif ukoll dak li l-kuntratti għandhom jitwettqu b'rieda tajba. F'dan ir-rigward, Fair Trading Limited tisħaq li l-partijiet f'kuntratt m'għandhomx jitħallew jaħarbu minn dak li jkunu ftehmu dwaru billi jiddevjaw mill-intenzjoni li kellhom waqt l-konklużjoni tal-kuntratt. Tirraġuna wkoll li l-kuntratt jirrifletti l-ftehim ta' bejn il-partijiet u f'każ li ma jkunx jista' jitwettaq aktar, il-parti li taħti għall-ksur tal-kuntratt għandha tħallas id-danni lill-parti l-oħra.

37. Wara li tirreferi għal xi sentenzi li fihom ġew imsemmija tali prinċipji, l-appellanti tgħid li Green MT Limited Limited kienet taf sewwa x'kienu l-obbligi kuntrattwali li daħlet għalihom fil-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, u fid-dawl ta' dan tosserva li b'dak il-ftehim, hija kellha d-dritt li ddur fuq Green MT Limited Limited u titlobha l-ħlas tal-kreditu kollu flimkien mad-danni, u dan mingħajr ma Green MT Limited tkun tista' topponi għal dak li ssejħalu bħala *«l-benefiċċju tal-qsim tal-obbligazzjoni ma' ħaddieħor.»* Sfiq ma' dan, tgħid ukoll li t-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet kienet minn meta dawk l-ammonti kienu oriġinarjament dovuti lilha.

38. Prinċipji oħra li Fair Trading Limited irreferiet għalihom fir-rikors tal-

appell huma mbagħad dawk: (i) ta' *«verba volant, scripta manet»,* li maqlub għall-Malti jfisser il-kliem itir imma l-miktub jibqa'; (ii) dwar *«tortious interference»*, *«tresspass on the case»* u l-każ relatat ta' ***Keeble v. Hickeringill*** **(1707)** li huwa dwar tilwima li nibtet minn xi sparar lejn nassa tal-papri; (iii) dwar ir-responsabbiltà prekuntrattwali fin-negozjati, il-*«lex mercatoria»*, u l-*«culpa in contrahendo»*; (vi) dwar l-*«estoppel»* u l-każ ta' ***Waltons Stores (Interstate) Ltd v. Maher***, li ngħatat mill-Qorti Superjuri tal-Awstralja fid-19 ta' Frar, 1988; (v) dik li tirreferi għaliha bħala l-*«four corners rule»*, li minn dak li fehmet il-Qorti huwa prinċipju simili tar-regola dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti li nsibu fl-**Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili**; u (vi) il-prinċipji li joħroġu mill-każ deċiż mill-Qorti Internazzjonali bejn il-***Qatar u l-Bahrain***, li skont l-appellanti huwa magħruf bħala *«**Maritime Delimitation and Territorial Questions between Qatar and Bahrain**.»*

39. Għandu jingħad però li għalkemm Fair Trading Limited daħlet f'ħafna tul dwar dawn il-prinċipji kollha li għadhom kif jissemmew fil-paragrafu ta' qabel dan, tali sottomissjonijet kienu biss ta' natura ġenerika għall-aħħar, tant li l-appellanti naqset għalkollox milli torbothom mal-każ tal-lum b'tali mod li tfisser x'inhi r-rilevanza tagħhom għall-fatti ta' dan il-każ, jew inkella kif u għalfejn dawn il-prinċipji kollha kellhom jiġu mħaddma f'dan il-każ partikolari.

40. Lejn l-aħħar parti tar-rikors tal-appell, l-appellanti mbagħad għamlet referenza għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Philip Seguna et v. Il-Kunsill Lokali Żebbuġ*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2008, u filwaqt li tat x'jinftiehem li Green MT Limited għandha tirrispondi għad-danni billi kissret dik li ssejħilha bħala l-garanzija ta' xogħol kif imniżżla fl-Artikoli 4 sa 6 tal-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, fl-istess waqt, Fair Trading Limited reġgħet irriproduċiet dak kollu li qalet fl-ewwel parti tar-rikors tal-appell tagħha.

41. Hija ilmentat ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li hija għandha terfa' tliet kwarti mill-ispejjeż tal-kawża, tal-ittra uffiċjali li biha interpellat lill-kumpanija appellata, tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1785/13SM u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1914/13.

42. Fissret li r-raġuni ewlenija għalfejn l-Ewwel Qorti għabbietha b'dawk l-ispejjeż kienet għaliex dik il-Qorti qieset ħażin li hija kienet ħatja għad-dewmien żejjed fil-kawża. Fid-dawl ta' dan, saħqet li jekk kien hemm xi dewmien, dan ġara għaliex matul is-smigħ tal-kawża, id-direttur u r-rappreżentant tagħha John A Said miet, u sakemm l-eredi daħlu fiż-żarbun tiegħu għadda ċertu żmien — li fl-ebda każ ma kien irraġonevoli. Qalet ukoll li r-rappreżentant attwali tagħha, jiġifieri Publius *sive* Leo Said, għamel dak kollu li seta' biex beda jirrappreżentaha f'din il-kawża malajr kemm jista' jkun, però ġara wkoll li huwa deherlu li kellu jibdel l-avukati

tagħha billi fil-fehma tiegħu kien hemm kunflitt ta' interess bejnhom u bejn l-interessi tiegħu. Tisqarr li dawk l-avukati damu ma ħallewh isib avukat ieħor sa nofs Novembru 2019, u tilmenta li dan wassal biex l-Onorevoli Imħallef li ddeċieda s-sentenza appellata spiċċa biex ġie influwenzat b'mod ħażin.

43. Fid-dawl ta' dan, tagħlaq billi tgħid li anke l-Avukat li beda jippatroċinaha sa minn Diċembru tas-sena 2019, jidhirlu li *«l-affari kienet ġa «fait accompli» u abbażi tal-**Artikolu 790 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jħoss li dak kollu li ġara «...preġudika l-jedd ta' smigħ xieraq» f'din il-Kawża odjerna.»*

44. Il-Qorti wara li ħadet qies ta' dak kollu li ngħad minn Fair Trading Limited, jidhrilha li dan l-appell mhuwiex mistħoqq u dan għal ħafna raġunijiet.

45. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma tistax ma tosservax kif minkejja li r-rikors tal-appell ta' Fair Trading Limited fih xejn inqas minn 74 paġna u huwa miżgħud b'qatta referenzi lejn prinċipji ġenerali tal-liġi, massimi bil-Latin u siltiet mill-ġurisprudenza kemm lokali kif ukoll dik barranija, b'danakollu fil-parti l-kbira tiegħu, u speċjalment f'dawk il-partijiet li saret referenza għalihom f'paragrafu 38 ta' din is-sentenza, l-appell ta' Fair Trading Limited huwa bla sugu ta' xejn. Dan qed jingħad billi s-sottomissjonijiet li

hemm fih, huma sempliċement kummenti ġenerali, mingħajr l-iċken tifsira dwar kif, u għalxiex tali prinċipji legali kellhom jiġu mħaddma f'dan il-każ, jew fi kliem ieħor, għalfejn dawk il-prinċipji kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti għal deċiżjoni differenti milli wasslet għaliha.

46. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 2023, rikors tal-appell ma jiddependix fuq kemm wieħed jiflaħ jikteb paġni jew fuq kemm wieħed għandu l-ħila jsemmi sentenzi, awturi u frażijiet bil-Latin. Appell mhuwiex konkors ta' kemm wieħed jaf b'awturi u b'ġurisprudenza dwar temi legali partikolari. Mod ieħor, appell jiddependi fuq kemm wieħed ikun kapaċi jesponi l-aggravji tiegħu b'mod ħafif, mexxej u li jinftiehem dwar ir-raġuni għalfejn is-sentenza appellata għandha tiġi mibdula.

47. Kien għalhekk jaħbat ħafna aħjar għal Fair Trading Limited li kieku ressqet appell ċar u konċiż u mhux appell miktub b'mod konfużjonarju, f'xi drabi kontradittorju, bla sekwenza u miżgħud b'ħafna riferenzi għal prinċipji u sentenzi barranin li qajla jagħmlu sens fil-kuntest ta' dak li hija stess talbet lill-Qorti sabiex tiddeċiedi.

48. L-importanza li l-argumenti li jitressqu f'appell ma jkunux ħallata ballata ta' sottomissjonijiet legali magħmula fl-arja, iżda argumenti

konkreti b'rabta diretta ma' dak li jkun ingħad fis-sentenza appellata, hija fl-aħħar mill-aħħar mitluba mil-leġislatur stess, u speċifikatament fl-**Artikolu 143(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jipprovdi kif f'rikors tal-appell għat-tibdil ta' sentenza, l-appellant: *«għandu jfisser, wieħed wieħed għalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma' raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed isir l-appell.»*

49. Hawnhekk tajjeb jingħad li bil-frażi *«raġunijiet dettaljati»,* il-liġi mhijiex tirreferi għat-tul tal-appell, iżda għas-sustanza tiegħu, u sewwasew li l-argumenti fir-rikors tal-appell għandhom jintisġu b'tali mod li fihom l-appellant għandu jfisser għalfejn ma jkunx qiegħed jaqbel mal-konklużjonijiet u mar-raġunament li jkunu ngħataw fis-sentenza li jkun qiegħed isir appell minnha (ara ***Francesco Carbone v. Gamma Capital Markets Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2024).

50. Minbarra li l-appellanti naqset bil-kbir mill-aspett li għadu kif jissemma, agħar minn hekk, fil-parti l-kbira tagħhom, l-argumenti li tqajmu minn Fair Trading Limited fir-rikors tal-appell huma għalkollox irrilevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża, u dan billi huma dwar kwistjonijiet li jmorru lil hemm minn dawk li tniżżlu fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih hija stess bdiet din il-kawża.

51. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li Fair Trading Limited, u mhux

b'inqas l-Avukat tagħha, għandhom bżonn li jiftakru, jew inkella jitgħallmu, li Qrati Superjuri huma marbuta li jimxu fuq il-kawżali u t-talbiet hekk kif imfissra fl-att li bih tinbeda l-kawża, tant li huwa miżmum fil-ġurisprudenza li mhuwiex leċitu li l-kawża tinqata fuq xi kawżali differenti minn dawk li jkunu tniżżlu fir-rikors maħluf (ara ***World Marketing Services Limited v. Lift Services Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022 u ***Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011).

52. Permezz tat-talbiet tagħha, il-parti attriċi tkun fasslet kemm il-qafas kif ukoll tkun rabtet lill-Qorti fuq dak li għandha tiddeċiedi (ara f'dan is-sens ***Johnnie Azzopardi nomine v. Dentist David Muscat et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2024). Parti attriċi f'kawża ma tista' għalhekk qatt tippretendi li l-Qorti tista' tmur lil hemm minn dak li hija stess tkun oriġinarjament talbet fir-rikors maħluf, għaliex li kieku l-Qorti ma toqgħodx fil-limiti ta' dak li tkun niżżlet fit-talbiet, dik is-sentenza tkun milquta bil-vizzju tal-*extra* jew l-*ultra petita* (ara ***Raymond Caruana et v. Conrad Pace*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2023).

53. F'dan il-każ, kemm il-premessi, kif ukoll it-talbiet tar-rikors maħluf huma ċari daqs il-kristall u minn hemmhekk jidher li l-kawża ma ssejsitx fuq id-diskussjonijiet jew il-ftehim li Fair Trading Limited qiegħda tallega li kien hemm fil-passat bejnha, il-Gvern ta' Malta u l-GRTU. Tant hu hekk,

li meta ġiet biex tressaq din il-kawża, hija stess, la ħarrket lill-Gvern ta' Malta u lanqas lill-GRTU bħala konvenuti f'din il-kawża.

54. Mod ieħor, il-premessi kif ukoll it-talbiet li tniżżlu minn Fair Trading Limited fir-rikors maħluf, huma lkoll b'xi mod jew ieħor fuq dak li tniżżel fil-ftehim, intitolat bħala *«Memorandum of Understading»,* li ġie ffirmat bejn il-partijiet fil-15 ta' Ottubru, 2013 (ara Dok FT1 f'paġna 7 tal-atti tal-kawża).

55. Tassew sa mill-ewwel talba, Fair Trading Limited talbet lill-Qorti sabiex *«Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata, bl-aġir tagħha, kisret l-obbligi minnha assuti **<u>ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet datat 15 ta' Ottubru, 2013</u>**.»* Hekk ukoll, fir-raba' talba, li hija dwar ir-responsabbiltà għad-danni, Fair Trading Limited rabtet dik it-talba, b'mod speċifiku għal dawk id-danni allegatament imġarrba minnha *«**b'konsegwenza tal-ksur tal-obbligi tagħha <u>ai termini tal-klawzoli numri (4) u (5) tal-Ftehim datat 15 ta' Ottubru, 2013</u>**»* (l-enfasi huwa tal-Qorti).

56. Dak li jħoll u jorbot kollox f'din il-kawża huwa għalhekk biss dak li ġie miftiehem fil-kitba tal-15 ta' Ottubru, 2013, u f'ċirkostanzi ċari daqs dawn, Fair Trading Limited ma tistax tippretendi li f'dan l-istadju tista' tibdel il-binarji tal-kawża bil-mod ta' kif jiftlilha (ara ***Pierre Galea et v. Seaborg Company Limited*** mogħtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Ġunju,

2024).

57. Kull diskussjoni jew ftehim li seta' kien hemm bejn il-Gvern, il-GRTU, Green MT Limited u Fair Trading Limited qabel l-iffirmar tal-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013 huwa irrelevanti għalkollox għall-għanijiet ta' din il-kawża, u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li llimitat l-istħarriġ tagħha dwar il-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013 biss.

58. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet huma għalkollox irrelevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża, kull sottomissjoni tal-appellanti dwar il-prinċipji ta': (i) *«ex turpi causa non oritur actio»*; (ii) *«tortuous interference», «tresspass on the case»* u l-każ relatat dwar in-nassa tal-papri; (iii) tar-responsabbiltà prekuntrattwali, tal-*«lex mercatoria»,* tal-«*culpa in contrahendo*»; (iv) il-prinċipji li joħorġu mill-każ ta' ***Waltons Sotres (Interstate) Limited v. Maher*** li skont l-appellanti huwa dwar *«estoppel»* u l-liġi kuntrattwali Awtraljana; kif ukoll (v) il-prinċipji li joħroġu mill-każ ta' ***Qatar v. Bahrain****,* li ngħatat mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

59. Terġa' u tgħid li f'dan l-appell, Fair Trading Limited kompliet tgħaxxaqha aktar, billi l-argumenti u l-prinċipji li għadha kif issir referenza għalihom, kif ukoll dawk li ssemmew f'paragrafi 28 u 30 ta' din is-sentenza ma tqajmux minnha quddiem l-Ewwel Qorti, u fiha nfisha, din hija raġuni

oħra għalfejn dawk l-argumenti, prinċipji u sottomissjonijiet ma jistgħu jkunu tal-ebda fejda għaliha.

60. Tassew, huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li bħala regola ġenerali, parti f'appell ma tistax tqajjem argumenti ġodda li ma jkunux ġew imqajma quddiem l-Ewwel Qorti, u dan għaliex minbarra li l-funzjoni ta' din il-Qorti hija waħda ta' reviżjoni, f'kull każ, mhuwiex aċċettabbli għal parti f'kawża li taqleb il-binarji tal-kawża fl-istadju tal-appell, u ttellef lill-parti l-oħra kemm mill-jedd tal-benefiċċju tal-eżami doppju, kif ukoll miċ-ċans li tressaq il-provi biex tirribatti dawk l-argumenti ġodda li jkunu tqajmu fl-istadju tal-appell (ara f'dan is-sens ***Joanna Ganado v. Edward DeGaetano*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Mejju, 2024 u ***HSBC Bank Malta plc v. Dr. Yana Micallef Stafrace et nomine*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

61. Bla ħsara għal dan, u f'kull każ, l-argumenti u l-prinċipji legali kollha li tniżżlu minn paġna 12 sa paġna 71 tar-rikors tal-appell (f'paġni 1674 sa 1733 tal-atti tal-kawża), xorta waħda ma jistgħu jwasslu lil Fair Trading Limited għal imkien. Kull wieħed minn dawk l-argumenti u sottomissjonijiet huma b'xi mod jew ieħor imsejsa fuq il-premessa ħażina — li Green MT Limited Limited u l-GRTU (li mhijiex parti f'din il-kawża) intrabtu magħha li jibqgħu jagħtuha x-xogħol, li kien jikkonsisti fil-ġbir tal-iskart riċiklat mill-*bring-in-sites*, u dan għal dejjem jew b'mod perpetwu!

62. Fis-sewwa, għalkemm huwa kollu minnu li fil-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013 (ara klawsoli 4 u 5 ta' Dok FT1, f'paġna 7 tal-atti tal-kawża), il-partijiet f'din il-kawża, ftehmu dwar il-mod ta' kif u meta kellu jingħata s-servizz tal-ġbir tal-iskart mill-appellanti, u li fl-istess waqt, Green MT Limited Limited intrabtet li tagħti xogħol addizzjonali lill-appellanti f'każ li hija kienet sejra tkun qiegħda tagħti xi xogħol żejjed lill-kuntratturi l-oħra li kellha, madankollu, dak il-ftehim, jirreferi biss għas-servizzi li kienu qegħdin jingħataw f'dak iż-żmien partikolari li fih ġie ffirmat, u xejn aktar.

63. Fil-ftehim inkwistjoni, ma hemm l-ebda klawsola, li b'xi mod jew ieħor timplika, li b'dak il-ftehim, Green MT Limited Limited jew il-GRTU kienu qegħdin jobbligaw ruħhom li jibqgħu jagħtu x-xogħol lil Fair Trading Limited għal dejjem, jew minn tal-inqas għal xi tul taż-żmien jew b'xi valur minimu definit. Wisq inqas fl-istess *Memorandum of Understanding,* ma nkiteb iswed fuq l-abjad li l-GRTU jew inkella Green MT Limited Limited kellhom jibqgħu *«jagħtu dejjem ix-xogħol»* lil Fair Trading Limited!

64. Kif ingħad f'għadd ġmielhom ta' sentenzi, l-obbligazzjonijiet f'kuntratti għandhom jiġu mfissra b'rieda tajba u b'tali mod li jkunu jagħmlu sens (ara ***Santumas Shareholdings plc v C&M Contractors Limited et*** mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Frar, 2024, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).

65. La jagħmel sens u wisq aktar mhuwiex kredibbli li Green MT Limited Limited, bħala kumpanija privata, kienet sejra xi darba taċċetta jew tintrabat ma' Fair Trading Limited li tibqa' tagħtiha x-xogħol għal dejjem. Kemm hu hekk, l-Avukat Jan Karl Farrugia, li kien involut b'mod dirett fit-tfassil tal-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2013, stqarr b'ġurament li kieku l-ftehim kien sejjer ikun b'tali mod li jorbot lil Green MT Limited Limited sabiex tibqa' tagħti x-xogħol lil Fair Trading Limited għal dejjem, dak il-ftehim ma kien qatt sejjer jiġi ffirmat min-naħa tal-klijenti tiegħu.

66. Il-fatt waħdu li fil-ftehim inkwistjoni ma tniżżlet l-ebda klawsola dwar għal kemm żmien Fair Trading Limited kellha tagħti s-servizzi tagħha lil Green MT Limited Limited, ma setax għalhekk jiġi, b'xi mod jew ieħor, interpretatat fis-sens li Green MT Limited Limited kienet qiegħda tintrabat mal-kumpanija appellanti li tibqa' tagħtiha x-xogħol għal dejjem. Bil-kuntrarju, tali silenzju ma jfisser xejn għajr li Green MT Limited Limited ma kinitx qiegħda tintrabat ma' Fair Trading Limited li tagħtiha xi valur minimu ta' xogħol, jew inkella li tibqa' ddur għas-servizzi tagħha għal xi tul ta' żmien partikolari, u għalhekk hija setgħet twaqqafha milli tagħtiha aktar is-servizzi tagħha, b'sempliċi preavviż.

67. Din il-fehma tal-Qorti tkompli tissaħħaħ hekk kif tqis, li min-natura tiegħu, il-kuntratt ta' *locatio operarum* ma jista' qatt ikun wieħed għal

dejjem, tant li fin-noti tiegħu dwar dan is-suġġett, il-**Professur V. Caruana Galizia**, speċifikatament jikteb li: *«...no person can bind his activities for life, because this would be tantamout to slavery; but he may do so for a specified time or a specified undertaking.»* (estratt meħud minn: ***Notes on Civil Law*****, Vol III,** ***The Contract of Letting and Hiring***, Edizzjoni tas-sena 1987, kif riveduta mill-**Profs J. M. Ganado**, f'paġna 754).

68. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma, li f'dan il-każ, għandha wkoll tapplika bis-sħiħ il-preżunzjoni *iuris et de iure* li hemm fl-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**, u dan kemm minħabba l-fatt li ż-żewġ partijiet fil-kawża huma negozjanti, kif ukoll għaliex mill-ġabra sħiħa tal-provi u mit-tielet premessa tar-rikors maħluf stess, jirriżulta li l-ftehim inkwistjoni sar bil-għan li għall-ewwel darba jkun hemm ftehim bil-miktub li jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet.

69. Skont l-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** ġaladarba l-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-mitkub, hu preżunt b'mod li ma jistax jitwaqqa' li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.

70. F'dan il-kuntest, il-Qrati tagħna kemm-il darba tennew li meta jirriżulta illi l-partijiet riedu jħejju l-ftehim tagħhom bil-miktub hemm

preżunzjoni *iuris et de iure* illi din il-forma kienet meħtieġa *ad validitatem*. Hekk pereżempju fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Giuseppe Vella Gatt et v. Giuseppe Darmanin et***, Appell Kummerċjali tat-23 ta' Novembru 1956, intqal illi l-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ,** «*joħloq preżunzjoni fis-sens illi meta ftehim verbali jsir bl-intiża li għandu jiġi redatt bil-miktub, u l-iskrittura mbagħad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; għax meta ġie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jiġi mniżżel bil-miktub, hu preżunt li l-partijiet riedu jassoġġettaw il-validità tal-ftehim għat-tħaris ta' dik il-formalità*.»

71. Fl-istess deċiżjoni ssokta jingħad fuq it-tagħlim awtorevoli tal-***Vivante*** u tal-ħsieb riċerkat mid-dibattiti parlamentari (**Vol. 21 tas-sena 1932 – 33**), illi: «*l-preżunzjoni mhix iuris tantum imma iuris et de iure, u hija intiża biex tipprevedi u tiddirimi l-kwestjonijiet fil-kummerċ, u għalhekk tipprevjeni l-kawżi, b'mod li dik il-preżunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali*» (ara wkoll fuq dan is-suġġett is-sentenzi ***CaterGroup Limited v. Baketech Supplies & Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju, 2024 u ***Robert Pace Bonello et v. Malta Hotels and Restaurants Association*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-21 ta' Mejju 2010).

72. Kien x'kien dak li l-partijiet iddiskutew bejniethom qabel ma ffirmaw l-iskrittura tal-15 ta' Ottubru, 2013, ma jista' għalhekk ikun tal-ebda fejda

għall-kumpanija appellanti, u dan billi dak kollu li l-partijiet setgħu qablu dwaru bil-fomm, iżda ma niżżluhx bil-miktub fil-ftehim inkwistjoni, ma jiswiex u ma jista' jkollu saħħa ta' xejn.

73. F'dan l-isfond u għal dawn l-istess raġunijiet, il-Qorti jidhrilha li huwa wkoll ta' xejn li l-appellanti qiegħda tinsisti biex tressaq bħala xhud lill-Onorevoli Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri, li fi żmien li fih ġie ffirmat il-ftehim inkwistjoni kienet l-Avukat ta' Fair Trading Limited. Kif ingħad, il-preżunzjoni li għadha kif issir referenza għaliha ma tistax tiġi mwaqqa bix-xhieda, u f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta kollox jiddependi minn dak li fl-aħħar mill-aħħar tniżżel iswed fuq l-abjad fil-ftehim bil-kitba.

74. Barra minn hekk, l-appellanti jeħtiġilha tiftakar li l-istadju tal-ġbir tal-provi tagħha dam ikarkar għal kważi ħames snin, u għalhekk, jekk riedet, hija kellha aktar minn żmien biżżejjed sabiex tressaq lill-Imħallef Vella Cuschieri bħala xhud tagħha, li wara kollox kienet imniżżla fil-lista tax-xhieda li ġiet mehmuża mar-rikors maħluf.

75. F'kull każ, kien ir-rappreżentant attwali ta' Fair Trading Limited stess li fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2019, iddikjara f'isem Fair Trading Limited *«li definittivament m'għandux aktar provi x'jipproduċi»* (f'paġna 1575 tal-atti tal-kawża). Jekk Fair Trading Limited kien baqgħalha tressaq bħala xhud lill-Imħallef Vella Cuschieri, ir-rappreżentant tagħha ma

messu qatt għamel dikjarazzjoni bħal dik, u dan billi minn dak il-mument 'il quddiem, huwa rabatha b'dik id-dikjarazzjoni (ara f'dan is-sens ***Valfracht Roro Line Limited v. KD Commercials Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2018).

76. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li parti f'kawża tista' titħalla terġa' tiftaħ l-istadju tal-provi tagħha, u f'dan il-każ dawk iċ-ċirkostanzi sempliċement ma jeżistux (ara ***Anthony Joseph Galea v. Vassallo Builders Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

77. Fair Trading Limited ma tistax għalhekk tippretendi li l-Ewwel Qorti, u wisq inqas li din il-Qorti, kellhom iħalluha tressaq lill-Imħallef Joanne Vella Cuschieri bħala xhud tagħhom. Jiġi b'hekk li kull ilment b'rabta ma' dan, kif ukoll dwar iċ-ċaħda tar-raba', il-ħames u s-sitt talbiet qegħdin għalhekk jiġu miċħuda.

78. Aggravju ieħor tal-appellanti huwa mbagħad **dwar il-kap tal-ispejjeż**.

79. F'dan ir-rigward, il-Qorti titlaq billi tosserva li hija l-liġi stess li tħalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex taqsam l-ispejjeż bejn il-partijiet, u dan speċjalment f'każ li kull waħda mill-partijiet tkun telliefa f'xi punt tal-kawża jew inkella f'każ li jkun hemm *«xi raġuni tajba oħra»* għalfejn

jidhrilha li għandu jsir hekk (ara l-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kif ukoll s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Peter Paul Lanzon et v. L-Avukat tal-Istat et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2021).

80. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed sabiex iġġiegħel lill-appellanti terfa' s-sehem ta' tliet kwarti mill-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali. L-ewwel nett, ir-raba', il-ħames, u s-sitt talbiet tal-appellanti, ġew miċħuda u għalhekk hija ħarġet telliefa fuq dawn it-tliet talbiet tagħha. Barra minn hekk, u fit-tieni lok, il-Qorti jidhrilha li Fair Trading Limited kienet tabilħaqq il-kawża prinċipali wara d-dewmien f'din il-kawża, u dan għaliex anke sakemm John Said kien għadu ħaj, l-appellanti kien ilha kważi tliet snin tkarkar bil-ġbir tal-provi, u kabbret it-tilwima li kienet ta' natura pjuttost sempliċi, mingħajr ma kien meħtieġ.

81. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-appellanti lanqas ma tista' tippretendi li hija ma kellhiex tbati l-ispejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1785/2013/1SM, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1914/2013.

82. Dwar l-ispejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni 1785/2013/1, l-appellanti messha taf biżżejjed li l-ispejjeż ta' dak il-mandat diġà kienu ġew deċiżi

b'digriet tal-5 ta' Diċembru 2013, li bih il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ċaħditilha t-talba għall-ħruġ ta' dak il-mandat, kif ukoll ikkundannatha sabiex tħallas l-ispejjeż kollha ta' dik il-proċedura (ara paragrafu 10.4 ta' Dok G1, f'paġna 29 tal-atti tal-kawża).

83. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1914/2013, li nħareġ għall-ammont ta' tliet mitt elf ewro, il-Qorti rat li għalkemm Fair Trading Limited tassew kisbet il-ħruġ ta' dak il-mandat, madankollu tali mandat tħassar ftit taż-żmien wara li nkiseb permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Frar, 2014. Tassew, fid-digriet imsemmi, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1914/2013 ma setax raġonevolment jinżamm fis-seħħ, u li l-ammont mitlub fih ma kienx mad-daqqa t'għajn ġustifikat. Fid-dawl ta' dan, dik il-Qorti, mhux biss ħassret l-effetti ta' dak il-mandat bis-saħħa ta' **paragrafi (d)** u **(f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, iżda wkoll ikkundannat lil Fair Trading Limited sabiex tħallas l-ispejjeż ta' tali proċedura. F'ċirkostanzi bħal dawn, u f'ġieħ is-sewwa, Fair Trading Limited, ma tistax tiġi issa tippretendi li hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' tali mandat.

84. L-aggravju ta' Fair Trading Limited dwar il-kap tal-ispejjeż qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud.

85. Fuq nota oħra, u sa fejn imbagħad Fair Trading Limited qalet li hija *«tħoss»* li l-imgħaxijiet ta' 8% fuq l-ammont likwidat skont it-tieni talba għandu jibda jgħaddi mid-data li l-pagamenti saru dovuti, il-Qorti tosserva li min-naħa tagħha, l-appellanti naqset għalkollox milli tlaħħam il-kummenti tagħha b'xi argumenti konkreti, u b'mod partikolari naqset għalkollox milli tfisser kif u għalfejn ir-raġunament tal-Ewwel Qorti dwar l-imgħaxijiet huwa żbaljat. Mhijiex waħda mill-funzjonijiet ta' din il-Qorti li tagħmel ix-xogħol tal-appellant, u fin-nuqqas ta' argumenti speċifiċi għalfejn id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata, il-Qorti jidhrilha li m'għandhiex tbiddel id-deċiżjoni motivata tal-Ewwel Qorti dwar minn meta għandhom jitilqu l-imgħaxijiet (ara f'dan is-sens ***Jesmond Grixti v. Dr. Mark Mifsud Cutajar nomine et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2022). F'kull każ, il-Qorti tqis li l-appellanti tassew fasslet it-tieni talba tar-rikors ġuramentat b'tali mod li ma talbitx xi ammont determinat, u għalhekk ir-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa tajjeb.

86. Fl-aħħar nett, dwar il-kumment tal-Avukat ta' Fair Trading Limited li huwa *«jħoss»* li meta ġie biex jassumi l-patroċinju tal-kawża f'Diċembru 2019, «*l-affari kienet ġa «fait accompli» u abbażi tal-***Artikolu 790 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *jħoss li dak kollu li ġara «...preġudika l-jedd ta' smigħ xieraq» f'din il-Kawża odjerna»,* il-Qorti jidhrilha li tali ilment huwa wkoll mingħajr bażi ta' xejn u dan billi, mhux biss mhuwiex sostnut, iżda wkoll merut mill-atti tal-kawża stess.

87. L-Avukat ta' Fair Trading Limited suppost jaf li huwa daħal fil-kawża fl-aħħar stadju tagħha u sewwasew meta l-klijenta tiegħu kienet diġà ddikjarat li ma kienx fadlilha aktar provi xi tressaq. Naturalment, meta jinbidel avukat f'kawża, il-kawża trid tissokta mill-istadju li tkun waslet fih, u irrispettivament minn jekk l-avukat li jieħu l-kawża f'idejh ikunx jaqbel ma' dak kollu li jkun seħħ qabel jew le, huwa jibqa' xorta waħda marbut b'dak kollu li jkun ġara qabel, u dan għaliex wara kollox, il-kawża hija tal-parti u mhux tal-avukat.

88. F'kull każ, jekk bir-referenza lejn l-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-appellanti qiegħda tinsinwa li s-sentenza appellata ma tiswiex għaliex hija milquta minn difett li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq, l-appellanti kellha tqanqal l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata b'mod formali, kif ukoll kienet marbuta li titlob lill-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata għar-raġuni li tali sentenza ma tiswiex. L-appellanti m'għamlet xejn minn dan, anzi, bil-kuntrarju, hija talbet lil din il-Qorti sabiex *«tikkonferma s-sentenza appellata fejn laqgħet it-talbiet attriċi»,* u għalhekk, bit-talba tagħha stess, l-appellanti qiegħda tagħraf is-siwi tas-sentenza appellata.

89. Tħares minn fejn tħares, l-appell ta' Fair Trading Limited mhuwiex għalhekk mistħoqq, u għal dawn ir-raġunijiet kollha sejjer ikun qiegħed

jiġi miċħud.

90. Il-Qorti tagħlaq billi tgħid li f'dan il-każ hemm lok għall-applikazzjoni tas-sanzjoni kif misjuba f'**paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan qed jingħad mhux biss minħabba n-natura fiergħa u vessatorja tal-appell iżda anke minħabba l-l-konfużjoni sħiħa u t-tul inkredibbli ta' paġni żejda u bla użu, li bihom ġie mħejji r-rikors tal-appell. Jekk dan ma kienx biżżejjed, it-talbiet finali tal-appell ġew miktuba b'mod ħażin mhux biss fir-rikors tal-appell oriġinali, iżda saħansitra dawn reġgħu ġew miktuba ħażin fin-nota li suppost kellha tkun ta' korrezzjoni jew ta' kjarifika, tant li kien hemm bżonn tal-intervent ta' din il-Qorti waqt is-seduta tal-11 ta' April, 2024 sabiex dan l-appell jevita milli jiġi ddikjarat bħala wieħed null.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda <u>**tiċħad**</u> l-appell ta' Fair Trading Limited u b'hekk tikkonferma għalkollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-21 ta' Jannar, 2020.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura, għandhom jitħallsu kollha minn Fair Trading Limited, filwaqt li dawk ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu bil-mod kif deċiż fis-sentenza appellata.

Fl-aħħar nett billi l-Qorti jidhrilha li dan l-appell huwa wieħed fieragħ u vessatorju, Fair Trading Limited qiegħed tiġi wkoll ikkundannata li tħallas spejjeż addizzjonali ta' €1,000 lir-Reġistratur tal-Qorti skont il-**paragrafu 10 ta' Tariffa A** mehmuża mal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da